MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Numru 779/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL CAMILLERI**

**VS**

**JOHN ZAMMIT**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Zammit, ta’ 36 sena, bin Espedito u Mary nee’ Zammit, imwieled Qormi, fit-2 ta’ Dicembru 1965 u joqghod 96, ‘Dar il-Holma’, Triq Guze Ellul Mercer, Qormi, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 556765 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer bejn id-9 ta' Awissu 1992 u t-3 ta' Gunju 1996, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin mill-fond "Dual House", Triq id-Dragun, Qormi ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter ta' l-ettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu.

Wara illi rat l-Artikoli 261B u 278;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tordna illi l-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura a tenur ta' l-Artikolu 533.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------